MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 563/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**
**Vs**
**Jean Claude Agius (K.I. 472375M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mitejn sitta u tmenin ewro digha u erbghin centezmu (€286.49) in konnessjoni ma' servizz ta' kommunikazzjoni bin-numru 79465757 numru tal-kont A/C40193175, moghtija mis-socjeta' attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza; il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza; bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-5 ta' Frar, 2014 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' mitejn sitta u tmenin ewro disgha u erbghin centezmu (€286.49) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------